**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 87/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Grima**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant, Joseph Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 393470M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli minn Jannar 2012 sa Novembru 2018, fil-Gzejjer Maltin:

> Naqas li jagħti lil Sonia Borg, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu, fi zmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas is-somma, u dana ai termini tal-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 7, 8, 18, 31(g) u 338(ż) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal tlett xhur priġunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant, Joseph Grima ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u sussidjarjament fl-eventwalita' li tali ħtija tiġi kkonfermata, tvarja l-piena mposta għall-piena aktar ekwa u ġusta għall-kaz odjern.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2021 fejn l-appell tħalla għas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fejn qanqal il-preġudizzjali marbut mal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti ta' nhar il-25 ta' Ġunju 2021 fejn permezz tagħha dan l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant ġie miċħud u l-Qorti ordnat l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-bqija tal-aggravji.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-aggravju preliminari marbut mal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, jifdal biex jiġu trattati l-aggravji fil-mertu u dawk marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett xhur priġunerija. Illi, l-appellant jilmenta qabel xejn illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-aħjar prova, kif trid il-liġi, u dan meta ma ġietx ippreżentata kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-koppja Grima minn fejn twieled l-obbligu tal-manteniment tal-appellant u minflok ġiet ippreżentata sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 31 ta' Mejju 2018. L-appellant għalhekk jisħaq illi, minħabba f'dan in-nuqqas, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi. Ukoll, l-istess appellant isostni li ġaladarba ma nġabitx prova jekk ġiex intavolat appell mis-sentenza tal-Qorti Ċivili hawn fuq imsemmija, u li din għaddiet in ġudikat, allura lanqas din is-sentenza ma tista' tikkostitwixxi prova fil-konfront tiegħu.

Illi, jibda' billi jiġi osservat li, kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, il-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn il-parte ċivile jifforma parti ntegrali mill-atti proċesswali. Dan għaliex l-imsemmi kuntratt jinsab eżebit fl-atti tal-proċess li sar mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kopja ta' liema inkartament ġie pprezentat f'dawn il-proċeduri mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili Alexia Aquilina nhar is-27 ta' Jannar 2021 (a folio 56 et tal-Atti Proċesswali). Dan l-inkartament (Dok. AA1) kien jikkonsisti f'vera kopja tal-atti ċivili meħuda mir-rikors ġuramentat numru 132/14 RGM fl-ismijiet "Sonia Borg vs Joseph Grima", liema nkartament kien debitament awtentikat u kkonfermat bil-ġurament mill-istess Reġistratur tal-Qrati Ċivili. Jikkonsegwi għalhekk illi, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, l-kuntratt ta' separazzjoni datat 4 ta' Jannar 2007 u insinwat nhar it-8 ta' Jannar 2007, li minnu huwa naxxenti l-obbligu tiegħu li jħallas il-manteniment, jinsab eżebit fl-atti ta' din il-kawża u allura jifforma parti integrali mill-istess, billi kopja ta'l-atti proċesswali surriferiti jikkostitwixxu prova ammissibli u li allura għandha valur probatorju. Il-Prosekuzzjoni ma kellha għalfejn tressaq ebda prova ulterjuri għal dan, u allura lanqas prova dwar jekk is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) għaddietx in ġudikat.

Illi, f'dan l-istess kuntratt ta' separazzjoni, senjatament fi klawsola 5 ta' l-istess, hemm ddikjarat hekk –

> **Ir-raġel qiegħed jobbliga ruħu li jivversa s-somma ta' Lm 141 kull xahar lil martu bħala manteniment għal uliedu u ċioe Lm 47 għal kull wild, pagabbli kull xahar bil-quddiem. Ir-raġel jibqa' obbligat li jivversa l-imsemmija somma lill-mara sakemm uliedu jagħlqu t-18 -il sena, jew jibdew jaħdmu fuq bazi full time, jew jizzewġu, liem minnhom tavvera ruħha l-ewwel ... L-imsemmi manteniment huwa dovut minn u inkluz Settembru tas-sena 2006.**

Illi, għalhekk ġie stabbilit li jezisti obbligu fuq l-appellant li jħallas somma ta' manteniment lil martu Sonia Borg għat-tlett uliedu. Mill-atti proċesswali ġie stabbilit ukoll għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li dan l-obbligu l-appellant m'ottemporax ruħu miegħu għall-perijodi ndikati fiċ-ċitazzjoni, u ċioe bejn Jannar 2012 u Novembru 2018. *In oltre*, mix-xhieda tal-parte ċivile, Sonia Borg, datata 22 t'April 2019 (a folio 10 et tal-Atti Proċesswali) hija ssostni hekk – "*Qatt ma rċevejt manteniment ... minn mindu*

*sseparajna*". Dan huwa fatt ikkonfermat ukoll mill-appellant innifsu, u dana hekk kif evidenzjat mill-affidavit ta' PS 1300 J. Fenech (a folio 38 et tal-Atti Proċesswali) li jaqra hekk:

> *... Nhar id-29/11/2018 għall-ħabta ta' xi l-22:15hrs, hu rraporta fl-Għassa tal-Qawra fejn ġie nfurmat bl-imsemmija kwerela. Wara li ngħata d-dritt legali tiegħu, Joseph Grima spjega li kien jaf li kellu jħallas l-imsemmija somma izda f'dawn iz-zminijiet kien għaddej minn zmien diffiċli finanzjarjament. Hu spjega li kellu sekwestru u ma seta' jagħmel xejn ...*

Illi, ġie stabbilit ukoll permezz ta' sentenza preliminari mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-proċeduri *de quo* datata 25 ta' Ġunju 2021 illi l-obbligu tal-appellant li jivversa il-manteniment għal ibnu Shaun spiċċa fis-sena 2011 meta dan għalaq tmintax -il sena u beda jaħdem *full time*. Ġie stabbilit ukoll, permezz ta' l-istess sentenza preliminari, illi l-obbligu tal-appellant li jħallas manteniment għal bintu Sarah spiċċa fis-sena 2016 meta din għalqet tmintax-il sena u bdiet taħdem *full time*. Ġie stabbilit ukoll li a rigward bintu l-oħra Naomi pero', l-obbligu li l-appellant jħallas manteniment fil-konfront tagħha kien għadu wieħed viġenti fil-perijodu indikat fiċ-ċitazzjoni.

Illi, jirriżulta ukoll li ngħatat sentenza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 31 ta' Mejju 2018 li ddikjarat lill-appellant bħala debitur tal-parte ċivile għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment u kkundanatu jħallas is-somma ta' €22,397.00.

Illi huwa bil-wisq evidenti, allura, illi l-appellant naqas milli jottempera ruhu mal-obbligi minnu assunti fil-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejnu u bejn martu u għalkemm f'dan il-każ saħansitra hemm sentenza oħra tal-Qorti li kkanonizzat il-kreditu kollu dovut, huwa xortawaħda baqa' inadempjenti. Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit"[1]:-

> **"... ġie ritenut li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolozament u mingħajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella faċilment f'kawzi bħal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-partijiet dwar diversi affarijiet, din il-Qorti tiġi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Ċivili . Ir-rimedju ta' min ikun iħossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Ċivili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar aċċess mhuwix li jieħu l-liġi b'idejh, imma li**

[1] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta Mejju 2003.

**jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aġġustament tiegħu".**

Illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova f'dan il-kaz iż-żewġ elementi meħtieġa sabiex jissussiti dan ir-reat kontravvenzjonali, u cioe' illi l-obbligu għal ħlas ta' manteniment kien jemani minn kuntratt ta' separazzjoni kif sanċit mill-Qorti, u wkoll il-prova li l-manteniment baqa' ma tħallasx fi zmien ħmistax (15) -il jum minn dak il-jum li fih kellha titħallas is-somma dovuta.

Illi ma jirriżultax mill-atti illi hemm prova li dan l-obbligu tal-ħlas ġie revokat jew riformat jew ddikjarat null minn Qorti kompetenti għaldaqstant, jew li kienet saret xi forma ta' rikonċiljazzjoni. Illi ġie deċiz f'sentenza oħra ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Mario Mallia"[2] illi:

**"...ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9, hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici Kriminali ...".**

Illi, ukoll, kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri"[3] fejn għamlet riferenza għal sentenza oħra ta' din l-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Saliba"[4], fejn ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet, bħal per ezempju meta persuna tispiċċa bla impjieg, dan ma jfissirx li hi tista' tagħzel li tinjora l-obbligu mpost fuqha. Huwa biss wara li l-Qorti kompetenti tawtorizza tali tibdil li l-obbligu jiġi varjat. Sakemm dan isir pero', l-awtur tar-reat jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas oriġinali bl-ammonti mposti oriġinarjament.

Illi l-Qorti ma tistax hlief tikkundanna l-imġieba tal-appellant li għoġbu ma jottemperax ruħu mal-obbligi minnu assunti u fuq kollox li ma jipprovdiex għall-għejxien u l-edukazzjoni tat-tlett uliedu. Certament ma setax jippretendi illi uliedu

[2] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta Mejju 1998.
[3] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta Settembru 2002.
[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998.

jitrabbew mingħajr ma huwa jipprovdi għalihom, dmir li kull ġenitur għandu mhux biss f'għajnejn il-liġi, iżda dmir morali li jara li dawk l-ulied li jogħgbu iġib fid-dinja igħixu ħajja diċenti.

Illi għaldaqstant, *in vista* tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, dan l-aggravvju imressaq mill-appellant qed jigi riġettat.

**Ikkunsidrat:**

Illi, jifdal sabiex jiġi trattat l-aħħar *gravam* sottopost għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, liema piena kienet dik ta' tlett xhur priġunerija effettiva. L-appellant issostni li l-piena mposta fuqu ma hijiex waħda ekwa u ġusta u timmerita temperament.

Illi, jibda' biex jingħad illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tinsab fil-parametri tal-liġi. Il-Qorti, madanakollu trid tqies dak deċiż minnha fis-sentenza preliminari tal-25 ta' Ġunju 2021 fejn l-azzjoni penali fil-konfront ta'l-ulied Shaun u Sarah ġiet dikjarata preskritta. Illi allura għalkemm l-akkuża miġjuba kontra l-appellant xortawaħda tirriżulta ippruvata madanakollu l-Qorti ser tvarja il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti sabiex tiehu in konsiderazzjoni dak minnha deċiz, kif inghad, fis-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2021.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda tvarja l-piena inflitta, u minflok tikkundannah għal perijodu ta' xahar (1) priġunerija.**

Edwina Grima

Imħallef